MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2013

Numru. 40/2009

**Il-Pulizija**
**Spettur Yvonne Farrugia**

**KONTRA**

**GRACE CINI, bint Joseph u Giovanna nee' Azzopardi, imwielda Tal-Pieta' nhar is-16 ta' April, 1971, residenti fil-fond Sanmar House, Flat 10, Triq Empire Stadium, Gzira, detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 200971M;**
**U WAYNE CATANIA bin Demitrius u Mary Grace nee' Cini, imwieled Tal-Pieta' nhar is-26 ta' Awwissu, 1990, residenti fil-fond Sanmar House, Flat 10, Triq Empire Stadium, Gzira, temporanjament detenut fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, detentur tal-karta bin-numru 412790M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmija **Grace Cini** u **Wayne Catania** li gew akkuzati talli:

1. Nhar il-31 ta' Ottubru, 2008 u fil-granet ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

a. B'mezzi kontra l-Ligi jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdew b'qerq iehor, ingann, jew billi wrew haga b'ohra sabiex igieghlu titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlu qligh b'qerq ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-detriment ta' Stefan Carabott jew;

b. Serqu flus, liema serq huwa kkwalifikat bil-persuna, kif ukoll bil-valur ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-detriment ta' Stefan Carabott;

c. U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, minghajr awtorizzazzjoni, uzaw il-kodici ta' dhul, password, isem l-utent, indirizz postali elettroniku jew xi mezz iehor ta' dhul jew informazzjoni ta' identifikazzjoni ta' xi persuna ohra f'computer;

d. U aktar talli fl-istess zmien, lok, u cirkostanzi, ikkommettew serq ta' HSBC VISA Gold Card, li l-valur taghha m'huwix izjed minn tlieta u ghoxrin Ewro u disgha u ghoxrin centezmu (€23.29) ghad-detriment ta' Stefan Carabott, liema serq huwa kkwalifikat bil-persuna;

2. U aktar talli lil **Grace Cini wahidha** kisret il-provvediment tal-Artikolu 28A et sequitor tal-Kapitolu 9 tal-Ligiijet ta' Malta, billi kisret il-kundizzjonijiet imposti fuqha b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati datata 15 ta' Frar, 2006;

3. U aktar talli lil **Wayne Catania wahdu** kiser il-provvediment tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta et sequitor, billi kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati datata 19 ta' Frar, 2008.

Rat li moqrija l-akkuzi, iz-zewg imputati wiegbu li ma kinux hatja tal-akkuzi kif dedotti fil-konfront taghhom.

Rat il-provi kollha prodotti, u semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkunsidrat:

Illi fl-ewwel lok il-Qorti ser taghmel is-segwenti kummenti dwar l-istqarrijiet tal-imputati ezebiti.

Din il-Qorti fl-uzu ta' dawn l-istqarrijiet thaddan l-insenjament tal-Qrati taghna kif sanciti mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza fl-ismijiet Charles Steven Muscat vs Avukat Generali tat-8 ta' Ottubru, 2012.

Issa kif jirrizulta mill-atti, Grace Cini nnifisha, kif kien drittha, ghazlet illi ma twiegeb ghal xejn mid-domandi lilha maghmula. Minn naha tieghu, il-ko-imputat Wayne Catania spjega fl-istqarrija tieghu l-involviment tieghu f'dawn ir-reati addebitati. Certament dak mitqal f'kull stqarrija jaghmel prova biss fil-konfront ta' min jghidu.

PC 1305 Silvio Zammit xehed dwar it-twissijiet skont il-Ligi li nghataw liz-zewg imputati qabel ma ttiehdu l-istqarrijiet.

Rat f'dan ir-rigward ukoll il-fedina penali taz-zewg imputati ezebiti, folio 9 – 12.

Rat il-provi prodotti.

Ghalhekk l-Ispettur Yvonne Farrugia minn naha taghha ezebiet Dok JS u JS1 – sensiela ta' ritratti estratti minn CCTV footage tal-HSBC li juru xbieghat taz-zewg imputati juzaw l-ATM tal-istess bank, Dok JS DVD u Dok JS1 disa' stills minnha mahruga. Dan kollu wara li certu Stefan

Carabott ghamel rapport dwar gbid ta' flus mill-Gold Card tieghu mal-bank imsemmi.
Gie ezebit ukoll mill-istess Spettur Dok SC li huma statements tal-kont bankarju tal-istess Carabott, mentri Dok SC1 juri l-withdrawals li saru mill-istess kont.

Joseph Sammut, security mal-HSBC, ikkonferma li kien ghadda filmati tal-ATM tal-Fgura, Marsaxlokk, Birzebbuga, u Zejtun, bejn il-5 u l-31 ta' Ottubru. Qal illi fil-filmati ra zewg persuni jigbdu (mill-ATM) mill-kont in kwistjoni. Ikkonferma ghalhekk id-dokument SC – cioe' l-statement bl-ammonti migbuda. Xehed ukoll illi l-kont kien jghajjat lil Stefan Carabott.

Xehdet ukoll Chantal Avellino – Probation Officer, verament mhux fuq il-mertu tal-akkuzi, pero l-Qorti hadet anke l-istess xhieda in konsiderazzjoni fil-konfront tal-ko-imputat Wayne Catania. Xehdet illi hi kienet iddenunzjat lil Wayne Catania minhabba li ma kinx zamm l-appuntamenti mill-Caritas, dan minn fuq kaz li l-istess Catania kellu minn din il-Qorti diversament preseduta. Xehdet anzi li Catania kien qata' l-kuntatt mill-Caritas. Xehdet illi sakemm kienet qed issegwieh deher illi kellu problema serja u li ma kellu ebda motivazzjoni.

Stefan Carabott minn naha tieghu xehed illi hu kien mar jigbed il-flus mill-HSBC, fergha taz-Zejtun, u gie mgharraf illi l-flus kienu gew migbuda kollha. Hargulu statement dwar dan mir-Rahal Gdid. Dawn il-flus mar jigbidhom bil-VISA Gold. Meta rrefera ghall-statement, b'certezza xehed illi ma kien gibed xejn mill-flus hu. Anzi xehed illi hu l-card kien juzaha biss biex johrog xi cheque minn fuqha u mhux bl-ATM.
Xehed illi z-zewg ko-imputati kienu jghixu ghandu ghax kienet talbitu dan Grace Cini, u maghha hadet iz-zewg uliedha, inkluz allura l-ko-imputat. Xehed illi damu jghixu mieghu madwar xahrejn. Dwar il-PIN number xehed illi dan kien hallieh fil-kcina u li minn dan kien cert mija fil-mija (folio 56).

Qal illi hu l-Gold Card kien izommha fil-wallet u la lilha u lanqas il-PIN taghha ma kien tah lill-imputati. Xehed in

kontro ezami li gieli offra flus ghall-ikel (tisjir) lil Grace, pero din kienet tirrifjuta ghax kienu qed joqoghdu mieghu. Qal illi kien offrielha hekk il-flus xi darbtejn.

In kontro ezami, imsejjah aktar tard, zied illi l-flus haduhomlu z-zewg imputati ghax dehru fuq l-ATM. Innega li ghal tlitt xhur li kienu jghixu mieghu, dawn qasmu xi spejjez bejniethom. Innega li hu kien ta permess lil Cini biex tigbed il-flus mill-bank. Innega li hu kien taha l-card jew il-PIN number. Zied illi Cini qabdet u telqet u li ghamel ir-rapport ghax kien baghat ghalih l-bank ghax il-VISA kienet inghalqet ghax kienet vojta. Mistoqsi dwar l-statement, qal illi dan minhabba li ma kinx juza l-VISA, kien jircevieh biss kull tlitt xhur, almenu hekk kien jidhirlu.

Ikkonferma wkoll tliet karti minnu ezebiti tal-flus li ngibdu mill-kont, liema statements gew moghtija lilu mill-HSBC, folio 203 – 206. Qal illi fir-rigward tal-flus migbuda li kien qieghed ihallashom hu lura fix-xahar.

Rat anke s-sentenzi ezebiti a folio 363 fil-konfront ta' Grace Cini; folio 4 fil-konfront ta' Wayne Catania; u folio 219 fil-konfront ta' Wayne Catania.

Din il-Qorti taghmel referenza ghall-istqarrijiet tal-imputati (b'mod legger minhabba s-sentenzi Kostituzzjonali dwar l-istess) – certament f'tieghu, Catania, ammetta l-involviment tieghu fl-uzu bla permess tal-Gold Card. Nonostante li Cini ghazlet illi ma twegibx, ix-xhieda ta' Carabott flimkien mar-ritratti ezebiti juru anke hawn fic-car l-involviment taghha.

Ghaldaqstant, qieghda fil-konfront taz-zewg imputati ssib htija wara li rat l-Artikoli 18, 261, 267, 268, 279, 285, 337B, 337C, u 337F tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
Fil-konfront ta' Grace Cini rat ukoll l-Artikolu 28B u 28C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
Fil-konfront ta' Wayne Catania rat ukoll l-Artikolu 21 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Qieghda, ghar-reati fejn iz-zewg imputati nstabu t-tnejn hatja taghhom, tikkundannahom ghal piena karcerarja

effettiva ta’ sena u nofs kull wiehed, tenut kont tas-somma mehuda.

Lil Grace Cini wahidha, ghall-ksur tas-sentenza sospiza ta’ sentejn, tordna li tali piena karcerarja tidhol fis-sehh.

Fil-konfront ta’ Wayne Catania, rat fil-konfront tal-ksur il-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, u qieghda tikkundannah ghal multa ta’ €233, dan peress illi kien minorenni fiz-zmien illi gie kommess ir-reat innifsu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------